MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 774/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Cross Design Studio Limited**
**Emanuel sive Noel u Lorraine mizzewgin Aquilina**
**Vincent u Odette mizzewgin Ellul**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal- Bank of Valletta p.l.c. li nforza tieghu, wara li ppremettiet:

1.illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’zewg kuntratti, wiehed minnhom datat 15 ta’ Settembru 1995 in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri (Dok. ‘A’), u iehor datat 2 ta’ Dicembru 2003, in atti Nutar Dottor John Debono (Dok. ‘B’), is-socjeta’ attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta’ Cross Design Studio Limited;

2.illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ Cross Design Studio Limited fis-somma ta’ wiehed u sittin elf, erba’ mija u erbgha u tmenin ewro w erbgha u hamsin centezmu (€61,484.54) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*” tas-socjeta’ Cross Design Studio Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ‘C1 sa C4’ u Dok. ‘D1 sa D5’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit- 30 t’April, 2011 sad-data tal- effettiv pagament;

3.illi permezz ta’ zewg kuntratti, wiehed minnhom datat 15 ta’ Settembru 1995 in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri (Dok. ‘A’) u iehor datat 2 ta’ Dicembru 2003, in atti Nutar Dottor John Debono (Dok. ‘B’), il-konvenuti Emanuel sive Noel u Lorraine mizzewgin Aquilina u Vincent u Odette mizzewgin Ellul, iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ Cross Design Studio Limited, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess Cross Design Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4.illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument ‘A’ u ‘B’) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ Cross Design Studio Limited, Emanuel sive Noel u Lorraine mizzewgin Aquilina u Vincent u Odette mizzewgin Ellul:

a. Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti;

b. Kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew;

c. Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess socjeta’ Cross Design Studio Limited, Emanuel sive Noel u Lorraine mizzewgin Aquilina u Vincent u Odette mizzewgin Ellul li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' tlett ittri ufficjali datati 25 t'Awwissu 2010 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. 'E', 'F' u 'G', sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument 'A' u 'B') partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Cross Design Studio Limited, Emanuel sive Noel u Lorraine mizzewgin Aquilina u Vincent u Odette mizzewgin Ellul:

a. naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti;

b. kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew;

c. hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta' Cross Design Studio Limited, Emanuel sive Noel u Lorraine mizzewgin Aquilina u Vincent u Odette mizzewgin Ellul li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

2. Tikkundanna lis-socjeta' Cross Design Studio Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u sittin elf, erba' mija u erbgha u tmenin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€61,484.54), bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* tas-socjeta' Cross Design Studio Limited (Dok. 'C1 sa C4' u Dok. 'D1 sa D5'), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit- 30 t'April, 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Tikkundanna lil Emanuel sive Noel u Lorraine mizzewgin Aquilina u Vincent u Odette mizzewgin Ellul ihallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' wiehed u sittin elf, erba' mija u erbgha u

tmenin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€61,484.54), bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Account*” tas-socjeta’ Cross Design Studio Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ‘C1 sa C4’ u Dok. ‘D1 sa D5’), flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-30 t’April 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 25 t’Awwissu 2010 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta’ Cross Design Studio Limited, Vincent u Odette mizzewgin Ellul, u Emanuel sive Noel u Lorraine mizzewwgin Aquilina l’ in forza taghha ammettew it-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet kollha ta’ Bank of Valletta p.l.c. kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------